MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 297/2008

**Ian Pecorella**

**-vs-**

**Sovereign Caterers Limited u Ronald Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2008 li permezz tiegħu r-rikorrent ippremetta:

Illi b'ittra uffiċjali datata 5 ta' Marzu, 2008 ippreżenta fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Ian Pecorella vs Sovereign Caterers Limited u Ronald Azzopardi" (kopja ta' liema hija hawn annessa bħala Dok A), l-intimat interpella lill-esponenti biex iħallsu s-somma ta' Euro18,634.98 (ekwivalenti għal Lm8,000) rappreżentanti skond l-intimat l-import ta' 4 kambjali li issa fl-ittra uffiċjali qed isejħilhom

*"promissory notes"* (annessi ma' l-istess ittra uffiċjali bħala Dok IP1 – Dok IP4) iffirmati mill-esponenti.

Illi l-ittra uffiċjali saret taħt l-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kontestwalment ma' dana r-rikors l-esponenti ippreżentaw rikors quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala dik il-Qorti kompetenti skond il-valur ta' l-hekk imsejħa *"promissory notes"* li l-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi qed tipprova tirrendi titolu eżekuttiv biex dik il-Qorti bħala Qorti kompetenti skond l-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tissospendi l-eżekuzzjoni ta' kull kambjali oġġett ta' l-imsemmija ittra uffiċjali, kopja ta' l-imsemmi rikors hija esebita bħala Dok. B.

Illi l-esponenti qed jipprevalixxu ruħhom mid-dritt li jopponu l-eżekuzzjoni tal-kambjali – imsejħa mill-eżekutant bħala *"promissory notes"* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istess artikolu 253 tal-Kap. 12, u dan qed isir quddiem dina l-Onorabbli Qorti bħala dik il-Qorti kompetenti skond il-valur ta' kull dokument, u dan għar-raġunijiet gravi u validi hawn taħt imsemmija:

(a) Illi d-dokumenti annessi ma' l-ittra uffiċjali bħala Dok IP 1 sa Dok IP 4 huma dikjaratament mill-wiċċ tagħhom stess "kambjali" kif huma stess iġibu fl-ewwel linja fuq il-faċċata tagħhom: *"Bill of Exchange"*. Għalhekk ladarba dikjaratament huma kkunsidrati mill-firmatarju ta' l-istess bħala kambjali – *del resto* kambjali redatti mill-istess pussessur eżekutant – ir-regoli li għandhom japplikaw dwar il-validita' ta' l-istess huma dawk tal-kambjala u mhux tal-*"promissory notes"* kif issa l-pussessur tagħhom qed jippretendi. Tabilħaqq dawn id-dokumenti, dikjaratament kkunsidrati mill-partijiet kollha fil-ħin tal-ħruġ u aċċettazzjoni tagħhom bħala kambjali, ma għandhomx ir-rekwiżiti meħtieġa skond il-liġi għal validita' ta' kambjala. In partikolari jonqos il-firma fuq kull dokument ta' min jiġbidha, liema firma hija meħtieġa skond l-artikoli 123 u 125 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dan in-nuqqas iġib miegħu n-nullita' tad-dokumenti bħala

kambjali u għalhekk isegwi illi l-proċedura wżata mill-intimat hija wkoll irrita u nulla u mhux applikabbli.

(b) Illi *inoltre'* l-ammont meritu ta' l-istess dokumenti hekk imsejħa kambjali mhux dovut *stante* illi l-obbligazzjoni sottostanti dawn id-dokumenti (li l-esponenti jissottomettu huma irriti u nulli u bla effett) ġiet meħuda taħt theddid u bi frodi kommess mill-intimat.

(c) *Inoltre'* l-ammont rappreżentat mill-istess dokumenti mhux kollu dovut minħabba pagamenti akkont, li l-eżekutant lanqas biss qiegħed jiddikjara jew jieħu in konsiderazzjoni fl-ittra uffiċjali msemmija.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi għar-raġunijiet fuq mogħtija dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tissospendi l-eżekuzzjoni tad-dokumenti annessi ma' l-imsemmija ittra uffiċjali bħala Dok. IP 1 sa Dok. IP 4.

Rat l-atti proċesswali komprizi l-affidavits preżentati mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu r-rikors tħalla għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat;

Illi l-rikorrenti qed jitolbu s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' l-ittra uffiċjali li allura rrendiet eżegwibbli d-dokumenti msemmija fil-konfront tagħhom *ai termini* ta' l-artikolu 253 tal-Kap 12. Dan l-artikolu jgħid li kambjali u *promissory notes* huma atti eżekuttivi *purche'* issir l-intimazzjoni ġudizzjarja skond l-istess artikolu. Il-*proviso* ta' l-istess artikolu jagħti lill-intimat f'dawk il-proċeduri l-opportunita' li jitlob appuntu s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni, u hija din il-proċedura li qed tiġi adoperata mir-rikorrenti. Biex tagħmel dan pero' r-rikorrenti jrid jissodisfa lill-Qorti jew li l-firma in kwistjoni ma tkunx tiegħu, inkella jkun hemm raġunijiet gravi u serji biex dan isir.

Il-Qorti trid tagħmilha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi il-Qrati tagħna fir-rigward tal-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 li hija simili għal din il-proċedura (naturalment hemm differenzi mportanti għaliex l–artikolu 836 jirrigwardja l-ħruġ ta' kontro-mandat) din għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandhu jkun biss ta' *prima facie.* Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża Camilleri vs Gove et deċiża fl-10 ta' Mejju 2001; *mid-dispożizzjoni ta' l-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja* (ara ukoll is-sentenza fil-kawża Emanuel Sammut vs Josephine Sammut deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003). F'sitwazzjoni bħal dik odjerna pero', billi r-rikorrenti ikun qed jitlob biss l-opportunita' li jikkontesta azzjoni kambjarja eventwali, il-Qorti tħoss ukoll li għandha tkun sodisfatta li dwar il-validita' tal-kambjala *ut sic* u dwar iċ-ċirkostanzi rigwardanti l-ħruġ tagħha ma hemm ebda dubbju ta' validita'.

Għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijet, dejjem skond is-sub-artikolu msemmi mir-rikorrenti, biex tara tagħtix ċans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubbju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma tassew limitati. Kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk il-konvenut hemmhekk ikollux opportunita' jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet.

L-ewwel kawżali tar-rikorrenti hija li fuq id-dokumenti in kwistjoni ma hemmx il-firma tat-traent; tali firma hija neċessarja f'każ ta' kambjala iżda mhux f'każ ta' *promissory note*; ir-rikorrenti qed isostni li ladarba fuq id-dokumenti hemm miktub il-kelma ***"bill of exchange"***, ma hemmx dubbju li dawk huma kambjali. Dwar dan il-volum awtorevoli, **Byles on Bills of Exchange** jgħid illi:

*"In general, where an instrument is made in terms so ambiguous that it is doubtful whether it e bill of exchange or a promissory note, the holder may treat it as either at his option."* (Edizzjoni 1979, paġna 12.

Fil-każ in ezami huwa minnu li d-dokumenti jindikaw li huma ***bills of exchange.*** Fil-fehma tal-Qorti l-importanti huwa dakinhar li ffirma d-dokumenti, ir-rikorrenti ħoloq rapport ġuridiku ta' debitur fil-konfront ta' l-intimat, u allura ma jistax issa jiċħad dak ir-rapport – ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet "**John Giordmaina vs Joseph Pace"** deċiża fis-16 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti qalet li meta l-kawża tkun bejn il-partijiet inizjali, u ċioe' li l-kambjala ma tkunx ġiet iġġirata, il-firma tal-kreditur m'hijiex daqshekk importanti għalkemm naturalment id-debitur jista' jagħti eċċezzjonijiet personali għall-attur. *Oltre* dan il-Qorti qalet ukoll li l-attur jista' jekk ikun irid jitlob li jissana d-dokument billi jirtirah u jiffirmah bil-permess tal-Qorti.

Dwar it-tieni lanjanza, ir-rikorrenti qed isostni li l-initmat kien qed jivvessah u jheddu, u għalhekk huwa ċeda biex jiffirma l-kambjali. Minn dak li semgħet u rat għalkemm ma hemmx dubbju li l-intimat insista ħafna mar-rikorrenti biex jitħallas, dan ma jfissirx li b'daqshekk dan ta' l-ahhar iffirma d-dokumenti taħt pressjoni tali li trendi nulli l-istess dokumenti għaliex miksuba taħt theddid.  Huwa normali li kreditur jinsisti li jitħallas meta jinduna li d-debitur qed jaqa' lura fil-ħlas.  Għalhekk ma kien hemm xejn stramb f'dan u l-fatt li meta ġew iffirmati – kambjali jew *promissory notes* ir-rikorrenti kellu miegħu l-Avukat li kellu dak iż-żmien jindika li kien jaf x'qed jagħmel il-ħin kollu.  Rigward dak li sostna fl-affidavit u tratta l-abbli difensur tiegħu, u ċioe' li l-intimat kien qed jikser il-liġi li jisilfu l-flus, dan m' għandu x'jaqsam xejn mal-validita' tal-kambjali u f'kull każ il-Qorti ma temmnux meta jgħid li ma kienx jaf li s-self kien bi ksur tal-liġi u sar jaf biss issa – għalhekk *ex turpi causa non oritur actio.*

Fl-aħħarnett fl-affidavit tiegħu stess ir-rikorrent qal li mill-2006 huwa ma ħallas xejn lill-intimat u għalhekk ma hemmx kwistjoni illi parti mis-somma mitluba ġiet imħallsa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------